MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ANNA FELICE**

Seduta tal-21 ta' Gunju, 2011

Citazzjoni Numru. 333/2010

**A B**

**-vs-**

**C D**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ta’ B A fejn dan, wara li ppremetta:

Peress illi l-partijiet izzewgu fl-erbgha (4) ta’ Settembru tas-sena elfejn u wiehed (2001), liema zwieg kien gie registrat fir-Registru Pubbliku ta’ Malta bin-numru ta’ registrazzjoni elf tlett mija tnejn u tmenin tas-sena elfejn u wiehed (1382/2001) u dan kif jindika c-certifikat anness bhala Dokument “A”;

Peress illi l-kunsens tar-rikorrenti gie miksub b'qerq dwar xi kwalita' tal-parti l-ohra hekk li fixklet serjament il-hajja mizzewga – Art. 19 (1) (c) Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta;

Peress illi l-kunsens kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali taghha, jew b'anomalija psikologika serja li taghmilha impossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg – Art. 19 (1) (d) Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta;

Peress illi l-kunsens ta' wahda mill-partijiet gie miksub bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew tad-dritt tal-att taz-zwieg – Art. 19 (1) (f) Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta;

Peress illi tant dan iz-zwieg ma kellux isir tant illi l-partijiet isseparaw permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni personali datata sitta u ghoxrin (26) ta' Mejju tas-sena elfejn u disgha (2009) maghmul fl-atti tan-Nutar Robert John Muscat;

Peress illi l-partijiet ma kellhomx ulied mill-istess zwieg.

Ghaldaqstant, ir-rikorrenti jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

Tiddikjara illi z-zwieg kontrattat bejn il-partijiet fl-erbgha (4) ta' Settembru tas-sena elfejn u wiehed (2001) huwa null ai termini tal-Artiklu 19 tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta u ghall-finijiet u effetti kollha tal-Ligi.

Bl-ispejjez.

Il-konvenut huwa ngunt biex jidher ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata tal-intimata D C li eccepiet:

Illi l-fatti kif dedotti fl-ewwel tlett paragrafi tad-dikjarazzjoni attrici m'humiex kontestati;

Illi ghalhekk m'hemmx oppozizzjoni ghat-talba attrici.

Rat id-dokumenti kollha.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Rat li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

Ikkunsidrat illi l-partijiet f'din il-kawza zzewgu meta lill-istess rikorrenti, li hu ta' nazzjonalita barranija, kienet waslet biex tiskadilu l-Visa, li permezz taghha kien qed joqghod Malta. L-intimata kellha l-vizzju tad-droga, liema vizzju hija hbiet minnu. Il-koppja ghexu flimkien ghal ftit xhur ghaliex meta nduna li martu kienet maqbuda b'dan il-vizzju, ir-ragel qata' kull kuntatt minn maghha ghax beza'. Konvenjentement wara dawn is-snin kollha, galadarba qieghed f'relazzjoni stabbli ma' mara ohra, huwa qieghed jitlob dikjarazzjoni ta' nullita' taz-zwieg fuq bazi ta' qerq.

L-insenjament ta' dawn il-Qrati, f'kaz ta' qerq li jivvizzja l-kunsens fiz-zwieg gie senjalat fil-kawza "**Mary Farrugia vs Joseph Farrugia**", deciza mill-Qorti Civili Prim'Awla fit-13 ta' Marzu, 1995) fejn gie ritenut illi:

"*Biex tissussisti s-sitwazzjoni ravvisata fil-paragrafu in dizamina iridu jikkonkorru erba' affarijiet: (1) il-qerq perpetrat bil-hsieb li wiehed jikseb il-kunsens tal-parti; (2) li l-qerq ikun incida fuq il-kunsens tal-parti; (3) li l-qerq ikun jirrigwarda xi kwalita' tal-parti l-ohra; u (4) li din il-kwalita' tkun tista' mix-xorta tgahha tfixkel serjament il-hajja mizzewga.*"

Ma hemm ebda dubju li l-vizzju tad-droga jfixkel serjament il-hajja mizzewga u qerq perpetrat fil-kuntest jeskludi ghalhekk il-liberta' tal-kunsens rikjesta mil-ligi ghall-validita' taz-zwieg. Il-Qorti ghalhekk tqis illi l-kundizzjonijiet elenkati fil-fuq citata sentenza kollha sodisfatti f'dan il-kaz ukoll.

**Ghaldaqstant, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi:**

Tilqa’ t-talba u tiddikjara illi z-zwieg kontrattat bejn il-partijiet fl-4 ta’ Settembru 2001 huwa null u bla effett.

L-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------